

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 79



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

4 ta' Marzu 2019

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2019/C 79/01

Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Lulju 2018 dwar proposta għal regolament dwar il-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi (CON/2018/32) 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 79/02

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9256 — Engie/Michelin/Région AURA/CDC/Hympulsion) ⁽¹⁾ 4

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 79/03	Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: 0,00 % fl-1 ta' Marzu 2019 — Rata tal-kambju tal-euro	5
2019/C 79/04	Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej għas-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti — Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72	6

V Avvizi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 79/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9285 — SEGRO/PSPiB/Oignies Site) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	8
2019/C 79/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9286 — SEGRO/PSPiB/Is-Sit ta' Wroclaw) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	10

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-12 ta' Lulju 2018

dwar proposta għal regolament dwar il-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi

(CON/2018/32)

(2019/C 79/01)

Introduzzjoni u bażi legali

Fl-20 u l-24 ta' April 2018 l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, rispettivament, għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-ewwel inċiż tal-Artikoli 127(4)l-Artikolu 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jagħgu fl-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE, inkluż il-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) li ji jikkontribwixxu għat-tmexxija bla xkiel ta' politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat u l-kompiti mogħtija lill-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 127(6) tat-Trattat fir-rigward ta' politiki relatati mas-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. F'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. Osservazzjonijiet ġenerali

Il-BĊE jappoġġja r-regolment propost, li huwa parti mill-pakkett ta' miżuri tal- Kummissjoni Ewropea biex taffaċċja skoperturi improduttivi (non-performing exposures - NPEs) fl-Unjoni. Dawn il-miżuri ġew wara l-adozzjoni tal-"Pjan ta' Azzjoni biex Jiġi Indirizzati Self Improduttiv fl-Ewropa"⁽²⁾ komprensiv, approvat mill-Kunsill fil-11 ta' Lulju 2017. Huwa mistenni li r-regolament propost jindirizza r-riskji possibbli ġejjin mill-akkumulazzjoni ta' NPEs mingħajr dispożizzjoni suffiċjenti fil-futur. Ir-regolament propost huwa wkoll parti importanti tal-isforzi tal-Unjoni biex tnaqqas aktar ir-riskji fis-sistema bankarja. Għal numru ta' raġunijiet, l-indirizzar ta' livelli għoljin ta' NPEs kienet waħda mill-prijoritajiet supervizzorji tal-BĊE sa mill-ħolqien tal-Mekkaniżmu Supervizzorju Uniku⁽³⁾. L-ewwel, l-NPEs huma ta' piż fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek, u jnaqqsu l-profitti tagħhom. It-tieni, l-NPEs huma ta' distrazzjoni għall-banek, u jirrappreżentaw telf għar-riżorsi tal-banek. It-tielet, l-NPEs jimminaw il-fiduċja tal-investituri fil-banek. Barra minn dan, analiżi interna tal-BĊE turi illi, fi snin riċenti, il-banek bi stokks għoljin ta' NPEs konsistentement sellfu anqas minn banek bi kwalità ta' kreditu aħjar, b'hekk ipprovdew anqas assistenza lil ditti u unitajiet domestiċi u lill-ekonomija b'mod ġenerali⁽⁴⁾. Barra minn dan, stokks għoljin ta' NPEs huma kwistjoni makroprudenzjali u spiss jeffettwaw ekonomiji sħaħ.

⁽¹⁾ KUMM(2018) 134 finali.

⁽²⁾ Disponibbli fuq il-websajt tal-Kunsill fuq www.consilium.europa.eu.

⁽³⁾ Ars d-diskors minn Danièle Nouy, President tal-Bord Supervizzorju tal-BĊE, u Sharon Donnery, President tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-BĊE dwar self improduttiv, "Introductory remarks to the public hearing on the draft addendum to the ECB guidance to banks on non-performing loans", Frankfurt am Main, 30 ta' Novembru 2017, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE dwar is-Supervizzjoni Bankarja fuq www.bankingsupervision.europa.eu.

⁽⁴⁾ Ara "European banking supervision three years on," rimarki tal-ftuħ minn Mario Draghi, President tal-BĊE, fit-tieni Forum tal-BĊE dwar is-Supervizzjoni Bankarja, Frankfurt am Main, 7 ta' Novembru 2017, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

Qed jiġi nnotat illi r-regolament propost mhux ser jeffettwa lil NPEs li jkunu oriġinaw minn istituzzjonijiet ta' kreditu qabel l-14 ta' Marzu 2018 u għalhekk, b'mod konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-"Pjan ta' Azzjoni biex jiġi ttrattat self mhux produttiv" fl-Ewropa, ma jindirizzax stokks eżistenti ta' NPEs.

Il-BĊE jilqa' l-kjarifika fir-regolament propost illi s-sostenn prudenzjali għal NPEs, li huwa stabbilit mir-regolament propost, ma jżommx lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħat supervizzorji tagħhom b'konformità mal-liġi applikabbli. B'mod aktar speċifiku, minkejja l-applikazzjoni ta' dan is-sostenn prudenzjali, il-BĊE jista', fuq bażi ta' każ każ, jiddetermina illi l-NPEs ta' istituzzjoni ta' kreditu speċifika mhumiex koperti bizzewjed u juża is-setgħat supervizzorji tagħhom taħt il-qafas tal-Pilastru II ⁽⁵⁾.

2. Osservazzjonijiet speċifiċi

2.1. Definizjoni ta' NPE

Għall-finijiet ta' kopertura minima għat-telf, ir-regolament propost jintroduċi d-definizzjoni ta' NPE fir-TRegolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾. Id-definizzjoni hija bbażata fuq il-kunċett ta' NPE stipulata fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ⁽⁷⁾, li huwa applikat għal finijiet ta' rapportar supervizzorju. F'dan ir-rigward, il-BĊE jilqa' l-fatt illi din id-definizzjoni ta' NPE tinkludi t-tipi kollha ta' NPEs, b'mod partikolari l-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur.

2.2. Kalkolu tal-*rekwiżit ta-kopertura minima*

Il-BĊE jikqa' s-semplifika tar-*rekwiżit ta-kopertura minima* li, fil-prinċipju, huwa bbażat fuq in-numru ta' snin li jkunu għadew minn mindu skopertura tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva u jekk kinitx skoperura ggarantita. Semplifika bħala din ser iżżomm għestibbli l-isforzi ta' banek u supervizzuri biex ikunu konformi, filwaqt illi tindirizza b'mod sod il-kwistjoni ta' NPEs mhux koperti b'mod għust u bbilanċjat.

Sabiex jiġi ddeterminat l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti ta' NPEs li jrid jitnaqqas mill-partiti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, l-istituzzjonijiet huma mitluba jimmultiplikaw l-NPEs tagħhom bil-fattur applikabbli speċifikat fir-regolament propost. Il-BĊE jappoġġja l-ikkalibrar tal-fatturi applikabbli fir-regolament propost. B'mod partikolari, hemm kopertura ta' 100 % għal NPE skoperta li trid tiġi applikata mill-ewwel jum tat-tieni (presumibbilment intiż biex jirriferi għat-tielet) sena. Għal NPE iggarantita, hemm kopertura ta' 100 % mill-ewwel jum tat-tmien (presumibbilment intiż biex jirriferi għad-disa) sena wara klassifikazzjoni bħala improduttiva, fejn l-obbligant huwa tard b'aktar minn 90 jum.

Fir-rigward ta' skoperturi ggarantiti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu jistgħu isarrfu l-protezzjoni tal-kreditu tagħhom b' "mod fwaqtu" ⁽⁸⁾. Jekk il-kollateral ma jkunx issarraff wara perijodu ta' bosta snin mid-data meta l-iskopertura sottostanti tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva, huwa raġjonevoli li l-kollateral jitqies bħala infettiv u li l-iskopertura tiġi ttrattata bħala mhux iggarantita minn perspettiva prudenzjali.

2.3. *Rekwiżiti ta' rapportar supervizzorju*

Il-BĊE jifhem illi r-*rekwiżiti rilevanti ta' rapportar supervizzorju speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014* ser jiġu emendati sabiex l-awtoritajiet kompetenti ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-konformità tal-istituzzjonijiet mar-regolament propost. Barra minn hekk, il-BĊE jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra jekk għanduz jiddaħħal *rekwiżit ta' żvelar fir-rigward tal-konformità ta' istituzzjonijiet mar-*rekwiżit ta' kopertura minima fir-Regolament (UE) Nru 575/2013**.

⁽⁵⁾ Artikolu 9(1) ta' Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ĠU L 287, 29.10.2013, p.63) jistipula illi: "Għall-fini esklużiv tat-twerttiq tal-kompiti kkonferiti lilu bl-Artikoli 4(1), 4(2) u 5(2), il-BĊE għandu jitqies, kif adatt, bħala l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata fl-Istati Membri parteċipanti kif stabbilit mil-liġi rilevanti tal-Unjoni." F'dan il-kuntest, ara l-Artikoli 97 u 104 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338) u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

⁽⁶⁾ Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-*rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012* (ĠU L 176, 27.6.2013, p.1).

⁽⁷⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar supervizzorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

⁽⁸⁾ Ara, pereżempju, l-Artikolu 194(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2.4. Konsultazzjoni tal-ECB

Il-BĊE jixtieq ifakkar lill-Parlament u lill-Kunsill illi ser tkun neċessarja konsultazzjoni oħra jekk ir-regolament pro-post jiġi emendat sostanzjalment matul il-proċedura leġiżlattiva, meta mqabbel mal-verzjoni li fuqha ġie kkonsultat il-BĊE ⁽⁹⁾.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament pro-post jiġi emendat, il-proposti ta' abbozzar speċifiċi huma stabbiliti f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test ta' spjegazzjoni f'dan is-sens. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq il-websajt tal-BĊE

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-12 ta' Lulju 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽⁹⁾ Ara, eż, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni Kawża 41/69, ECLI:EU:C:1970:71, punt 3; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Frar 1982 Buyl vs Il-Kummissjoni Kawża 817/79, ECLI:EU:C:1982:36, punt 1; Konklużjonijiet tal-Avukat Fennelly tal-20 ta' Marzu 1997 fil-kawża Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-392/95, ECLI:EU:C:1997:172, punt 15; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1997 Eurotunnel SA u Oħrajn vs Seafrance, C-408/95, ECLI:EU:C:1997:532, punt 46; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Settembru 2003, Océ van der Grinten NV vs Kummissarji tat-Taxxi Interni, C-58/01, ECLI:EU:C:2003:495, punti 100 u 102.

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Il-Każ M.9256 — Engie/Michelin/Région AURA/CDC/Hympulsion)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 79/02)

Fil-21 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali.
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32019M9256. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rfinanzjament ⁽¹⁾:**0,00 % fl-1 ta' Marzu 2019****Rata tal-kambju tal-euro ⁽²⁾****L-1 ta' Marzu 2019**

(2019/C 79/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1383	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4971
JPY	Yen Ġappuniż	127,35	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,9344
DKK	Krona Daniża	7,4613	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6656
GBP	Lira Sterlina	0,85968	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5396
SEK	Krona Żvediża	10,5003	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 282,12
CHF	Frank Żvizzeru	1,1363	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,1426
ISK	Krona İzlandiża	135,90	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,6332
NOK	Krona Norveġiża	9,7268	HRK	Kuna Kroata	7,4320
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 067,00
CZK	Krona Ċeka	25,636	MYR	Ringgit Malażjan	4,6374
HUF	Forint Ungeriż	316,06	PHP	Peso Filippin	58,986
PLN	Zloty Pollakk	4,3096	RUB	Rouble Russu	74,9928
RON	Leu Rumun	4,7431	THB	Baht Tajlandiż	36,113
TRY	Lira Turka	6,1230	BRL	Real Brażiljan	4,3037
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6000	MXN	Peso Messikan	21,9940
			INR	Rupi Indjan	80,6950

⁽¹⁾ Rata applikata għall-operazzjoni l-iktar reċenti mwettqa qabel il-jum indikat. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, ir-rata tal-interessi hija r-rata marġinali.

⁽²⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ GĦAS-SIGURTÀ SOĊJALI
GĦALL-ĦADDIEMA MIGRANTI**

Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72

(2019/C 79/04)

Artiklu 107 (1), (2) u (4) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72

Perjodu ta' referenza: Jannar 2019

Perjodu ta' applikazzjoni: April, Mejju, Ġunju 2019

Jan-19	EUR	BGN	CZK	DKK	HRK	HUF	PLN
1 EUR =	1	1,95580	25,6533	7,46580	7,42785	319,852	4,29202
1 BGN =	0,511300	1	13,1165	3,81726	3,79786	163,540	2,19451
1 CZK =	0,0389813	0,0762397	1	0,291027	0,289548	12,4682	0,167309
1 DKK =	0,133944	0,261968	3,43611	1	0,99492	42,8422	0,574891
1 HRK =	0,134628	0,263306	3,45366	1,005109	1	43,0611	0,577828
1 HUF =	0,00312645	0,00611471	0,0802037	0,023341	0,0232228	1	0,0134188
1 PLN =	0,232990	0,455683	5,97697	1,73946	1,73062	74,5224	1
1 RON =	0,212570	0,415745	5,45313	1,58701	1,57894	67,9910	0,912356
1 SEK =	0,097390	0,190476	2,49839	0,727098	0,723402	31,1505	0,418002
1 GBP =	1,12816	2,20646	28,9410	8,42262	8,3798	360,844	4,84209
1 NOK =	0,102342	0,200161	2,62541	0,764066	0,760181	32,7343	0,439254
1 ISK =	0,00732554	0,0143273	0,187924	0,0546911	0,0544130	2,34309	0,031441
1 CHF =	0,885286	1,73144	22,7105	6,60937	6,57577	283,160	3,79967

Jan-19	RON	SEK	GBP	NOK	ISK	CHF
1 EUR =	4,70433	10,26794	0,886399	9,77116	136,509	1,12958
1 BGN =	2,40532	5,25000	0,453216	4,99599	69,7969	0,577553
1 CZK =	0,183381	0,400258	0,034553	0,380893	5,32129	0,0440325
1 DKK =	0,630116	1,37533	0,118728	1,30879	18,2845	0,151300
1 HRK =	0,633336	1,38236	0,1193345	1,31548	18,3779	0,152073
1 HUF =	0,0147078	0,0321022	0,00277128	0,0305490	0,426787	0,00353157
1 PLN =	1,096063	2,39233	0,206523	2,27659	31,8052	0,263181
1 RON =	1	2,18266	0,188422	2,07706	29,0177	0,240115
1 SEK =	0,458157	1	0,0863268	0,95162	13,2946	0,110010
1 GBP =	5,30723	11,5839	1	11,0234	154,004	1,27434
1 NOK =	0,481450	1,050842	0,0907159	1	13,9706	0,115603
1 ISK =	0,034462	0,075218	0,00649335	0,0715790	1	0,00827477
1 CHF =	4,16467	9,09007	0,784717	8,65027	120,849	1

Nota: il-valuti inkroċjati kollha li jinvolvu l-ISK huma kkalkolati bl-użu ta' dejta tar-rati ISK/EUR mill-Bank Ċentrali tal-Islanda.

referenza: Jannar-19	1 EUR fil-munita nazzjonali	Unità 1 tal-munita nazzjonali f'EUR
BGN	1,95580	0,511300
CZK	25,6533	0,0389813
DKK	7,46580	0,133944
HRK	7,42785	0,134628
HUF	319,852	0,00312645
PLN	4,29202	0,232990
RON	4,70433	0,212570
SEK	10,26794	0,097390
GBP	0,886399	1,12816
NOK	9,77116	0,102342
ISK	136,509	0,00732554
CHF	1,12958	0,885286

Nota: Ir-rati ISK/EUR msejsa fuq dejta mill-Bank Ċentrali tal-Islanda.

1. Regolament (KEE) Nru 574/72 jgħid li r-rata ta' kambju ta' ammonti ta' flus fmunita meta mqabbla ma' Ir-munita oħra tkun ir-rata kkalkulata mill-Kummissjoni u bbażata fuq il-medja ta' xahar, matul il-perjodu speċifikat f'paragrafu 2 tar-rati tal-kambju referenza, ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-perjodu ta' referenza jkun:

- ix-xahar ta' Jannar għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' April ta' wara,
- ix-xahar ta' April għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Lulju ta' wara,
- ix-xahar ta' Lulju għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Ottubru ta' wara,
- ix-xahar ta' Ottubru għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Jannar ta' wara.

Ir-rati tal-kambju jiġu ppubblikati fit-tieni Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C) tax-xhur ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru.

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9285 — SEGRO/PSPiB/Oignies Site)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 79/05)

1. Fil-25 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- SEGRO plc ("SEGRO", ir-Renju Unit),
- Public Sector Pension Investment Board ("PSPiB", il-Kanada),
- Oignies Site (Franza).

SEGRO u PSPiB jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-Oignies Site kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SEGRO: is-sjeda, il-ġestjoni tal-assi u l-iżvilupp ta' mħażen moderni u proprjetajiet industrijali ħfief li jinsabu madwar il-konurbazzjonijiet ewlenin u f'ċentri ewlenin tat-trasport f'għadd ta' pajjiżi tal-UE,
- PSPiB: investiment tal-kontribuzzjonijiet netti għall-fondi tal-pensjonijiet tas-Servizz Pubbliku federali, tal-Forzi Armati Kanadiżi, tal-Pulizija tal-Kavallerija Rjali tal-Kanada u tal-Forza ta' Riżerva. PSPiB tiġġestixxi portafoll dinji diversifikat inklużi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti f'ekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat;
- Oignies Site: maħżen fuq medda ta' 34 393 m² f'Oignies (20 km fin-Nofsinhar ta' Lille, Franza), mibni fl-2010 u mikri lil Condi Services, waħda mill-fornituri ta' loġistika lil terzi persuni għal-loġistika tal-kummerċ elettroniku ta' Leroy Merlin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9285 — SEGRO/PSPiB/Oignies Site

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9286 — SEGRO/PSPiB/Is-Sit ta' Wrocław)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2019/C 79/06)

1. Fil-25 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- SEGRO plc ("SEGRO", ir-Renju Unit),
- Public Sector Pension Investment Board ("PSPiB", il-Kanada)

SEGRO u PSPiB jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tas-Sit ta' Wrocław kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SEGRO: is-sjeda, il-ġestjoni tal-assi u l-iżvilupp ta' mħażen moderni u proprjetajiet industrijali ħfief li jinsabu madwar konurbazzjonijiet ewlenin u f'ċentri ewlenin tat-trasport f'għadd ta' pajjiżi tal-UE,
- PSPiB: investiment tal-kontribuzzjonijiet netti tal-fondi tal-pensjonijiet tas-Servizz Pubbliku federali, tal-Forzi Armati Kanadiżi, tal-Pulizija tal-Kavallerija Rjali tal-Kanada u tal-Forza ta' Riżerva. PSPiB tiġġestixxi portafoll dinji diversifikat inklużi ishma, bonds u titoli oħra bi dħul fiss, kif ukoll investimenti fekwità privata, proprjetà immobbli, infrastruttura, riżorsi naturali u dejn privat,
- is-Sit ta' Wrocław: maħżen parzjalment mikri minn qabel li jinsab fi Wrocław, il-Polonja, li qed jiġi żviluppat bħalissa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9286 — SEGRO/PSPiB/Is-Sit ta' Wrocław

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT